**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' April 2024**

**Rikors nru : 71 /2024 AGV fl-ismijiet;**

**AM**

**VS**

**ND**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors taì AM detentrici tal-karta tal-identitaì numru , datat 8 taì Frar 2024**

**Tesponi bir-rispett u tikkonferma :**

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmintax ta í Awwissu tas-sena elfejn u tnax (18/08/2012 ) fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieha u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv hawn anness u mmarkat bhala Dok A.

2. Illi minn dan iz-zwieg ma tnisslu l-ebda ulied.

3. Illi l-partijiet huma legalment separati minn xulxin ai termini tal-kuntratt tas- separazzjoni redatt min-Nutar Dottor Francesca Portelli tal-hamsa taí Frar tas-sena elfejn u dsatax (05.02.2019) kopja taí liema att jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok B.

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnessjoni maí kwalunkwe hlas taí manteniment jew spejjez ohra fil-konfront taí xulxin.

5. Illi me hemm l-ebda prospett jew tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li huma legalment separati minn xulxin huma ilhom snin jghixu wkoll hajja separata minn xulxin.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment taí divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili kap. 16 tal-ligijiet taí Malta .

7. Illi qed jigi anness mar-rikors odjern affidavit tar-rikorrenti hawn anness u mmarkat bhala Dok C.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ( divorzju) bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-Partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan skond dawk id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Il-Qorti rat li l-konvenut mhux jopponi ghat-talba tad-divorzju .

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar it- 18 ta' Awwissu 2012**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**